**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 178/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Doris (Maria Dolores) Borg**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Doris (Maria Dolores) Borg, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 77161M, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli f'dawn il-gzejjer Maltin, matul il-perjodu ta' bejn Jannar 2016 u Ottubru 2016, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess diżposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommettiet serq ta' karta ta' kreditu u ċioe' '*Quick Cash card*' bin-numru **5887000010181557** għad-dannu ta' Benedetta Agius, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 272331(M), liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-lok;
2. U aktar talli, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000) għad-dannu ta' Benedetta Agius detentriċi tal-karti tal-identita' bin-numru 272331(M) u/jew ta' persuni oħra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitijiet oħra;
3. U aktar talli, għamlet qliegħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-dannu ta' Benedetta Agius detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru

272331(M) u/jew ta' persuna/i oħra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet oħra;

4. U aktar talli approprijat ruħha, billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000), liema somma ġiet f'data jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u dan għad-dannu ta' Benedetta Agius detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 272331(M) u/jew ta' persuna/i oħra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet oħra;
5. U aktar talli, ikkommettiet serq ta' flus permezz ta' karta ta' kreditu għad-dannu ta' Benedetta Agius u/jew ta' persuna/i oħra u/jew il-Bank HSBC u/jew ta' entita' jew entitajiet oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) u bil-persuna;
6. U aktar talli għamlet atti ta' *money laundering* billi:-

   a) Ikkonvertiet jew trasferixxiet propjeta' meta kienet taf jew issuspettat li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-propjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita kriminali;
   b) Ħbiet jew wriet ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta', meta kont taf jew issuspettajt li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;
   c) Akkwistat propjeta', kienet fil-pussess jew uzat propjeta' meta kont taf jew issuspettat li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;
   d) Irriteniet mingħajr skuza raġonevoli propjeta' meta kienet taf jew issuspettat li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;
   e) Ittentat tagħmel xi ħwejjeġ jew attivitajiet illegali imsemmija fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) tal-Artikolu 2 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373, u dan fit-tifsir tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9;
   f) Aġixxiet bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 2 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373.

Illi, il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex tapplika mutatis mutandi id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att dwar il-*Money Laundering*, Kapitolu

373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, ukoll, il-Qorti kienet mitluba sabiex, f'kaz ta' ħtija, tqis lill-imputata Doris (Maria Dolores) Borg bħala li saret reċediva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienet misjuba ħatja ta' sentenza mogħtija lilha mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputata mill-ewwel imputazzjoni w mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru tnejn, tlieta u ħamsa, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 257D(1)(a), 293, u 310(1)(A) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tar-raba' u tas-sitt imputazzjoni, u ikkundannatha għall-sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospizi għall-erba (4) snin mid-data ta' l-istess sentenza u għal multa ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000). *Inoltre'* ai termini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li l-ammont ta' €5,766.04 rapprezentanti r-rikavat, jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew fin-nuqqas li tiġi konfiskata tali somma, għandha tiġi konfiskata dik il-propjeta' li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' €5,766.04. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-propjeta' li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputata għandha tħallas multa ta' €5,766.04 li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat t'approprjazzjoni indebita mwettqa mill-imputata.

Illi, l-Ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjeta' mobbli w immobbli kollha tal-imputata kif stipulat fl-Arikolu 3(5) moqri flimkien mal-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Ukoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu

533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħatja tħallas l-ammont ta' €992.91 rappreżentanti spejjeż peritali.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Doris (Maria Dolores) Borg, ipprezentat fit-23 ta' Gunju 2021, fejn talbet lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellanti mhux ħatja tal-ewwel (1) akkuża u mill-addebitu reċediva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali; u
2. Tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti tagħha fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-akkużi numru tnejn (2), tlieta (3) u ħamsa (5) u minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;
3. Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellanti ħatja tar-raba' (4) u s-sitt (6) akkuża, u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi pieni aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel gravam sottopost għal ġudizzju tal-Qorti l-appellanti tqanqal diversi lanjanzi marbuta essenzjalment mal-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma tagħha kien errat, u dana fuq diversi binarji fosthom għaliex kien hemm inkonsistenzi fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-provi prodotti ma setgħux iwasslu għal sejbien ta' ħtija għar-reat ta' approprjazzjoni indebita u ukoll illi dawn ma setgħux iwasslu għar-reita' għar-reat ta'l-ħasil ta' flus.

Illi sabiex tindirizza l-lanjanzi imressqa 'il quddiem mill-appellanti, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti probatorji pjuttost voluminużi u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tqis jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx

wieħed raġjonevolment u legalment validu[1]. Tistqarr minnufih u mingħajr tlaqliq illi l-Ewwel Qori għamlet eżami erudit, dettaljat u minizzjuż ta' kull prova li tressqet kemm mid-difiża kif ukoll mill-Prosekuzzjoni fejn il-lanjanzi imqanqla issa fi stadju ta' revizjoni kollha ġew diġa' indirizzati b'mod metikoluż tant illi ftit li xejn din il-Qorti tista' tasal biex tikkritika tali apprezzament, apprezzament li issa fi stadju ta' revizjoni ma jistax issir mill-ġdid, kif ingħad. Dan magħdud, madanakollu l-aggravji imressqa mill-appellanti ser jiġu trattati serjatim dan fid-dawl ta' dak deċiż mill-Ewwel Qorti.

Illi l-investigazjonijiet tal-pulizija li wasslu sabiex l-appellanti tiġi mixlija l-Qorti bir-reati ta' frodi, misappropriazzjoni u hasil ta' flus, fost l-oħrajn, ġew varati wara rapport li kien sar mill-anzjana Benedetta Agius meta din intebħet illi il-bilanċ tal-flus fil-kont bankarju tagħha kien kwazi ineżistenti, bis-suspett tagħha jaqa' fuq l-appellanti, li kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha, peress illi din ta' l-aħħar kellha aċċess għall-karta tal-kreditu/*cashlink* tagħha. Illi a skans ta' repetizzjoni inutli, il-Qorti tagħmel referenza għar-riproduzzjoni dettaljata li tinsab fis-sentenza appellata ta' dak mistqarr minn kull xhud li ddepona quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellanti, madanakollu tilmenta illi kien hemm diversi fatti li ġew apprezzati b'mod erronju fis-sentenza appellata, kif ukoll li kien hemm inkonsistenzi fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

L-appellanti tibda biex tilmenta mill-fatt illi r-rapport magħmul mill-parti offiża lil pulizija ma kellux valur probatorju stante illi dan qatt ma ġie ikkonfermat bil-ġurament mill-istess anzjana. Illi dan il-fatt, madanakollu, fil-fehma tal-Qorti ma jġibx fix-xejn din il-prova, u ċioe' l-prova li l-anzjana ħasset illi kellha tressaq ilment mal-pulizija dwar il-flus li sabet nieqsa mill-kont bankarju tagħha, u għalhekk, għalkemm

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

dan ma jistax jikkostitwixxi prova diretta tal-kontenut tiegħu, madanakollu huwa prova indiretta u ċirkostanzjali li jista' iservi bħala prova korroboratorja ta' fatt jew fatti li jemerġu mill-evidenza diretta. *In oltre*, l-appellanti tilmenta ukoll dwar il-fatt li hemm dikjarazzjonijiet kontradittorji magħmula mill-parti offiża lil pulizija li għalkemm għall-ewwel tirraporta fil-kwerela datata l-14 ta' Settembru 2016 illi hija kellha suspett fl-appellanti, meta imbagħad tressaq ir-rapport tagħha direttament lill-Pulizija xi xahar wara, u ċioe nhar it-18 t'Ottubru 2016, hija stqarret f'dan it-tieni rapport li kellha suspett kemm fl-appellanti kif ukoll fil-*careworkers* l-oħra li kienu jassistuha. L-appellanti tisħaq li dan kollu jixħet anke dubbju fuq min kienet il-persuna li effettivament marret għand l-avukat u min talab li ssir il-kwerela b'dan illi donnu tixħet is-suspetti tagħha fuq certu Christianne Spiteri u is-sieħeb tagħha Reginald James li bdew iduru bl-anzjana wara li din iġġieldet magħha. B'kull rispett, din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-argument mhuwiex wieħed li jreġi. Dan għaliex mill-atti probatorji jemerġi illi wara li l-Pulizija irċevew l-ilment minn għand Agius, huma bdew bl-investigazzjonijiet tagħhom, liema investigazzjonijiet wassluhom biex jixlu lill-appellanti bl-aġir inkrimatorju u lill-ebda persuna oħra u dan immaterjalment minn dak li kienet irrappurtatilhom il-parti leża. Illi allura huwa wkoll immaterjali min kienet il-persuna li setgħet instigat lill-anzjana tirrapporta lil pulizija s-suspetti tagħha u ċioe' jekk din kenitx l-assistenza soċjali Anne Scicluna jew inkella kenitx ir-rappreżentant tal-Bank li issuġġeriet lil ċertu Christianne Spiteri, li fiż-żmien li sar ir-rapport kienet bdiet tieħu ħsieb lill-anzjana, sabiex tirrapporta l-istess, u dan għaliex, kif ingħad dak li huwa relevanti jemerġi unikament mill-evidenza miġbura mill-pulizija fl-investigazzjoni tagħhom u sussegwentment imressqa quddiem l-Ewwel Qorti mill-Prosekuzzjoni u li fuqhom ġiet imsejsa ir-reita'.

> **" ... illi huwa d-dmir u l-obbligu tal-pulizija ezekuttiva li jinvestigaw ir-rapporti li jsiru minn persuni anki jekk dawn ikunu jridu jibqghu anonimi liema obbligu huwa filfatt regolat mill-ligi u mill-gurisprudenza. Din l-investigazzoni ssir indipendentement minn jekk il-pulizija ikunu raw dak allegat u di piu l-anonimita' ta' min qed jirraporta ghandha tigi rispettata kemm fi stadju investigattiv kif ukoll fi stadju proceduarali l-Qorti. Kwindi l-fatt li l-pulizija ma rawx lincident isehh peress li kienu qedghin jagixxu fuq rapport li sarilhom minn persuna li xtaqet tibqa anonima u li allura ma setghetx tigi identifikata jew mixlija l-Qorti sabiex tixhed dwar dak li rat, m'ghandiex tigi nterpretata bhala nuqqas ta' prova jew korroborazzjoni tal-**

**ammissjoni tal-appellat li in ogni caso u ghar-ragunijiet diga indikati mijiex legalment mehtiega. Li huwa essenzjali huwa li dak irrappurtat anonimament jirrizulta li filfatt sehh u li l-pulizija tipprocedi 'wara li tizgura l-flagranza tar-reat jew mill-fatt permanenti'[2]**

Fil-fatt minn dawn l-investigazzjonijiet u b'mod ewlieni mid-dokumenti pprovduti mill-bank irriżulta illi minn fuq il-kont bankarju mertu ta' dawn il-proceduri kienu saru ħlasijiet lil xi stabbilimenti fosthom *Lourdes Service Sation, Cosmed Pharmacy, Gamblu Confectionery, JB stores* u l-ħanut *Essence of Beauty* u fuq l-ircevuti tal-hlas (*ePos chits*) kienet tirriżulta l-firma tal-appellanti bħala dik il-persuna li għamlet dawn it-transazzjonijiet. Illi l-Pulizija tkellmu ukoll mas-sidien ta' dawn l-istabbilimenti li kkonfermaw illi l-ħlasijiet kienu saru mill-appellanti għal servizzi reżi lilha u mhux lil anzjana Benedetta Agius. Illi fuq kollox mill-provi jemerġi illi ir-rapport sar direttament minn Agius lil pulizija wara li din twasslet l-għassa mill-koppja hawn fuq imsemmija li kienet qed tieħu ħsiebha, fejn din ġiet mitkellma waħedha mill-pulizija u mhux fil-presenza la ta' Christianne Spiteri u wisq anqas tas-sieħeb tagħha Reginald James. Illi kif jirriżulta mill-analiżi dettaljata li għamlet l-Ewwel Qorti dwar is-saħħa mentali tal-anzjana huwa ippruvat illi fiż-żmien li sar ir-rapport hija kienet għadha *compos mentis* u allura kienet qed tifhem dak li kienet qed tirrapporta.

L-Ewwel Qorti fil-fatt kienet tal-fehma illi kien hemm biżżejjed provi in atti li jindikaw illi meta l-parti leża kienet tafda lill-appellanti bil-karta tal-kreditu tagħha sabiex taqdieha, din kienet imbagħad tagħmel użu minnha għal bżonnijiet personali tagħha u dan mingħajr il-kunsens tal-anzjana. L-appellanti tilmenta iżda li kuntrarjament għal dak mistqarr mill-Ewwel Qorti, kien hemm provi fl-atti li jikkorroboraw dak minnha affermat fix-xiehda tagħha u ċioe' illi l-anzjana kienet tagħtiha l-karta ta' kreditu tagħha biex tħallas għal xi spejjez jew kapriċċi li jista' ikollha, u dan bħala kumpens għal serviġi reżi. Tistqarr illi kemm ix-xhud Mary Camilleri kif ukoll Jacqueline Debattista jikkonfermaw dan il-fatt. Mix-xhieda traskritta in atti, jirriżulta illi x-xhud Mary Camilleri xehdet darbtejn, darba bħala xhud tal-Prosekuzzjoni u aktar tard bħala xhud *in difesa*. Din ix-xhud, fil-fehma tal-Qorti, kienet inkonsistenti fix-xiehda tagħha. Fl-ewwel xhieda tagħha, Mary Camilleri stqarret li hi taħdem bħala

[2] App. Inf. Il-Pulizija vs Kevin Stoner deċiża 14/11/2013

*careworker* u kienet tieħu ħsieb lill-anzjana Agius għal tlett sigħat kuljum u dan għal perijodu ta' żmien bejn id-19 ta' Awwissu 2016 sat-13 t'Ottubru 2016. Tgħid ukoll li kienet waqfet tmur tgħin lis-Sinjura Agius "*għax bagħat għalija l-iSpettur tal-Għassa tal-Ħamrun u qalli li nsterqulha xi flus, issa jien la qatt rajt flus u lanqas rajt Cashlink, jien just kont immur għandha u ġieli ħriġtilha l-flus minn tiegħi biex nixtrilha għax din il-mara ma kienx ikollha*". Hija tat l-istess verżjoni tal-fatti *a tempo vergine*, meta interrogata mill-Pulizija, hekk kif hemm rifless fil-*Current Incident Report*, eżebit in atti. Dan jikkontrasta, iżda ma dak li tixhed meta ittelgħet bħala xhud *in difesa*, fejn marret lura minn dak kollu li kienet xehdet oriġinarjament u qalet li ġieli kienet rat lill-parte ċivile tagħti l-*Cashlink* tagħha lill-appellanti sabiex din tkun tista' tiġbdilha l-flus u li meta din kienet tghaddielha il-flus hekk miġbuda, Agius kienet imbagħad titfa' dawn l-flus f'portmoni iswed filwaqt li kienet tosserva lill-appellanti tirritorna il-*cashlink* lil sidha. Illi din il-kontradizzjoni timmina fermament mill-kredibilita' ta' din ix-xhud, li *del resto* kienet tkun għand l-anzjana biss għal tlett sigħat fil-ġurnata u allura ma tistax tafferma dak li kien iseħħ fis-sigħat rimanenti tal-ġurnata.

Illi, l-istess jista' jingħad għax-xhieda tax-xhud Jacqueline Debattista, prodotta mid-difiża li tiġi ħabiba ta' omm l-appellanti. Infatti, għalkemm fil-bidu tax-xiehda tagħha Debattista ssemmi mal-ewwel il-fatt illi l-anzjana kienet tat permess lill-appellanti tħallas lill-*beautician* għas-servizzi minnha reżi lill-appellanti mill-*cashlink* tagħha, imbagħad, aktar 'il quddiem fl-istess xhieda tkompli tgħid illi, "*Benna kienet tgħidilha għamilli pjaċir la inti ħierġa, ħa nagħtik il-cashlink u ixtrili*", iżda iżżid biċċa oħra u tistqarr li kienet tgħidilha ukoll "*... jekk tkun trid tmur għand il-beautician ħallas minn hawn*". Din il-Qorti temmen li x-xhieda ta' din ix-xhud kienet stradata sabiex tikkorrobora l-verzjoni mogħtija mill-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti u xejn aktar.

Illi, l-appellanti tinsisti illi hija utilizzat il-karta tal-kreditu lilha fdata mill-parti offiża sabiex tħallas għal mediċini u xirjiet oħra fuq struzzjonijiet lilha mogħtija. Issa huwa minnu li hemm *slips* rilaxxati mill-*Epos system* li nħarġu minn farmaċiji u *confectioners* fost oħrajn, pero' imkien fihom ma hemm indikat x'inxtara f'dawk l-istanzi u għaldaqstant din mhijiex l-aħjar prova ta' dak affermat mill-appellanti billi ma jistax jiġi esklużilli nxtraw oġġetti oħra u mhux dawk biss li ngħatat struzzjonijiet biex tixtri.

Illi din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha issibha kemmxejn diffiċli temmen illi l-anzjana kellha bżonnijiet li jilħqu il-mijiet ta' ewro u dan f'perijodu ta' tlett xhur, bħal per eżempju is-somma ta' €645 imħallas lil *Lourdes Service Station* fil-25 ta' Lulju 2016, l-ammont ta' €400 imħallas lil *Gamblu Confectionery* fil-25 ta' Awwissu 2016, żewġ pagamenti oħra lil *Lourdes Service Station* ta' €320 'il waħda, ħlasijiet li saru lis-soċjeta Melita għal servizzi ta'l-informatika meta l-anzjana lanqas ma kienet abbonata ma' din is-soċjeta, u fuq kollox il-ġbid tas-somma ta' €2400 mill-kont bankarju fl-20 ta' Lulju 2016, mingħajr ma tingħata spjegazzjoni mill-appellanti. Kif lanqas ma tingħata spjegazzjoni għal ġbid li kien qed isir f'dan il-perijodu ta' żmien meta l-appellanti kellha il-karta tal-kreditu fdata f'idejha minn diversi *ATM*'s u dan b'mod regolari u frekwenti iktar minn qatt qabel.

Illi allura dak li tisħaq l-appellanti illi mill-*istatements* bankarji prodotti, huwa evidenti li l-parte ċivile ma kinitx iġġemma' flus izda kienet tiġbed il-pensjoni kollha meta din tidħol fil-kont bankarju tagħha, ma jistax iwassal lil Qorti tibdel il-fehma tagħha. Dan għaliex dak li tinsa ssemmi l-appellanti huwa, illi fl-14 ta' Lulju 2016, fil-kont bankarju ta' Agius ġiet iddepozitat s-somma ta' € 9,038.02 mis-soċjeta' *Global Asset Management* u allura għalkemm seta' kien hemm *withdrawal* tal-pensjoni minn Agius, madanakollu ċertament kien għad fadal bilanċ sostanzjali f'dan il-kont apparti l-introjtu tagħha mill-assistenza soċjali, bilanċ li l-anzjana kienet iddikjarat b'mod ċar li kienet qed iġġemmgħu sabiex ikollha funeral kif jixraq. Dan il-fatt lanqas ma jista' jiskossa l-ħtija fl-appellanti illi hija kienet ukoll tagħmel użu minn dawn il-flejjes li kienu qed jiġu rtirati minn dan il-kont għal użu personali tagħha. Fil-fatt il-ġbid mill-kont tas-somma ta' €2400 seħħ proprju ftit jiem wara li kien sar dan id-depożitu sostanzjali, liema *withdrawal* jikkombaċja maż-żmien meta l-appellanti xtrat vettura ġdida, u allura meta hija għamlet pagament fi flus kontanti lil bejjiegħ fl-ammont ta' €5000.

Illi fuq kollox l-appellanti tilmenta dwar id-dubbju li kellha l-Ewwel Qorti dwar il-verosimiljanza tax-xiehda ta' Benedetta Agius u dan fid-dawl ta'l-istat ta' saħħa mentali tal-parti offiża. Toġġezzjona għal fatt illi l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tiskarta ix-xhieda ta' din l-anzjana mogħtija fil-mori tal-kawża. Illi l-Qorti, bla tlaqliq tgħid li l-Ewwel Qorti kienet koretta fid-deċizjoni tagħha li tiskarta din ix-xiehda. Dan

b'mod speċjali fid-dawl tal-konklużjoni milħuqa mill-espert nominat mill-Qorti il-psikjatra Dr Joseph Cassar li kkonkluda li l-parte ċivile "*tbati minn dementia severa u allura m'għandha l-ebda intendere e volere, jiġifieri ma tistax titla' f'kawzi, la tixhed u lanqas tifhem dak li qed jiġri jew jingħad ġo kawza*". Mhux biss, iżda, kif diġa' ingħad, l-Ewwel Qorti għamlet analiżi akkurata tal-*iter* li segwiet l-istat ta' saħħa mentali tal-vittma u dan kif jemerġi mill-provi li ġew eżaminati b'reqqa kbira u allura minn fejn kien evidenti illi l-istat ta' *dementia* li bih kienet afflitta l-anzjana beda jiggrava wara li seħħew il-fatti inkriminatorji, tant illi meta wasslet biex tixhed quddiem l-assistent ġudizzjarju maħtur mill-Ewwel Qorti biex jisma' x-xiehda tagħha, hija ma baqgħetx *compos mentis*. Dan kellu jfisser kwindi illi x-xiehda mogħtija mix-xhud ma setatx tkun attendibbli.

L-appellanti targumenta illi ġaldarba l-Ewwel Qorti qieset li dak mistqarr mill-anzjana ma setax jitqies attendibbli, allura wisq anqas seta' kien attendibbli ir-rapport minnha magħmul lill-pulizija u dan in vista tal-fatt illi l-kundizzjoni tad-*dementia* hija marda li hija progressiva u kwindi żgur li kienet eżistenti fiż-żmien meta saru ir-rapport u l-kwerela. Illi l-marda tad-*dementia* kif tajjeb jikkonkludi l-espert psikjatriku hija kundizzjoni li għalkemm ma tiġix fuq persuna mill-lum għall-għada, madanakollu hija marda progressiva fejn il-mixja tagħha tvarja minn persuna għall-oħra u għalhekk il-Qorti tista' tistrieħ biss fuq l-istat ta' saħħa mentali fil-mument li din ġiet invistata mill-espert psikjatriku u mhux qabel din id-data u allura ma hemm ebda prova fl-atti li tindika illi fiż-żmien meta sar ir-rapport lil pulizija il-parti offiża kienet diġa' afflitta minn din il-kundizzjoni billi l-ebda xhud, b'mod speċjali il-*carers* tagħha, ma jindika dan. Anzi għal kuntrarju, kif diġa' ingħad, u kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, fiż-żmien meta sar ir-rapport l-parti offiża kienet qed tifhem pjenament dak li kienet qed tagħmel.

Illi, l-appellanti issostni illi huwa aktar attendibbli dak minnha mistqarr dwar il-verżjoni tal-fatti milli dak li tgħid l-anzjana Agius. Illi minn eżami akkurat tal-Atti Proċesswali, jirriżulta illi l-appellanti ġiet mitkellma mill-Pulizija u irrilaxxjat stqarrija nhar it-18 ta' Diċembru 2017, wara li ġiet mogħtija id-drittijiet kollha tagħha skont il-liġi inkluż allura d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni. Illi, fl-istqarrija

tagħha, hija tibda' billi tistqarr illi kienet tgħix ma' ommha ġewwa l-fond bin-numru 52, *Western*, Triq Indri Cilia, Hamrun u li l-parte ċivile kienet tgħix faċċata tagħhom u kienet tafha sew. Dana ikkonfermatu ukoll meta xehdet *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Illi, fir-rigward tal-flejjes imħallsa lil *Lourdes Service Station* hija stqarret li kienet ħabtet bil-karozza u l-parte ċivile kienet qaltilha biex tħallas minn flusha, pero' ma tafx kinitx ħalset permezz ta' *cash* jew inkella bil-*card*. Dan meta irriżulta illi din kienet dikjarazzjoni inveritjiera billi l-flus ġew utiliżżati għax-xiri ta' vettura u mhux għal xi tsiwijiet fl-istess. Stqarret ukoll li Agius kienet tgħaddielha l-flus biex tħallas lil *beautician* ghas-servizzi minnha reżi lilha. Meta imbagħad ġiet rinfaċċjata b'dan kollu l-appellanti qalet "*Għidli ara x'hemm u nagħtiha kollox lura. Tressaqnix lejn il-Qorti*". Dan jikkontrasta ma' dak li tixhed *viva voce*, quddiem il-Qorti meta imbaghad tikkontendi illi l-parte ċivile kienet tgħaddielha l-*cashlink* sabiex tħallas għall-*beautician* "*peress li hi ma riditx ħlas talli tieħu ħsiebha*". Kif jikkontrasta ukoll ma' dak minnha mistqarr fl-istqarrija fejn tibqa' issostni illi riedet tirrifondi il-flus li ħadet indebitament minn għand l-anzjana, għalkemm dehrilha illi dawn il-flejjes kellhom iservu ta' kumpens għas-serviġi minnha reżi. Tgħid hekk fl-istqarrija: "*Ara x'ħadt jien għalija u nagħtihomla. Imma lanqas huwa sew għax dak li għamilt magħha kien ta' xejn*". F'dan il-punt, kienet ġiet mistoqsija "*Allura int kont tippretendi xi ħaġa ta' dak li tagħmel magħha hux hekk?*" għal liema domanda hija wieġbet "*Ma naħsibx li se tagħmel ta' xejn*".

Illi, fl-istess stqarrija, issostni illi l-*pin number* tal-*cashlink* tagħtulha l-istess parte ċivile u kienu kitbuh fuq karta hi u l-mara tat-tifel meta ġġieldu. Meta xehdet *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti ma ssemmiet la l-mara tat-tifel u lanqas l-ebda ġlieda li seħħet. Ukoll, ziedet biċċa, fejn qalet li l-*cashlink* kienu igħadduhielha jew l-anzjana jew inkella il-*carer* tagħha Mary Camilleri, fejn din ta'l-aħħar qatt ma stqarret fix-xiehda tagħha illi hija xi darba għaddiet il-karta tal-kreditu lill-appellanti.

Illi, meta ġiet mistoqsija dwar l-ammonti li nġibdu mill-kont tal-parte ċivile, l-appellanti stqarret illi  l-istess parte ċivile kienet tgħidilha sabiex tmur tiġbed il-flus biex tħallas il-*care workers* u t-tabib. Dwar l-ammont ta' €2,400 li nġibdu bejn is-16 ta' Lulju u l-20 ta' Lulju 2016, l-appellant fl-istqarrija kienet pronta twieġeb hekk – "*Iva dawk jien ġbidthom ukoll. Fil-kaz nizzilhom fuqi ukoll. Dawk hi qaltli niġbidhom għalija*".

Ukoll, meta ġiet mistoqsija dwar is-somma ta' ċirka €600 li kienu jinġibdu kull xahar hi stqarret: "*Dawk kont immur niġbidhom jien biex inħallsu lil tal-APAX li hija kumpanija tal-care workers u kif ukoll kont inħallsilha l-kont tat-telecare. Ovvjament kull xahar kont inħallsilha l-ispejjez tat-telefon, tat-television u d-dawl u l-ilma. Apparti hekk kont nixtrilha l-mediċini u l-bzonnijiet ta' kuljum*". Dwar dawn l-ispejjez, prova in atti ma hemmx. Illi, fl-istqarrija, fl-aħħarnett, l-appellanti tikkonferma li l-firma fuq ir-riċevuti inkriminatorji hija tagħha, liema dikjarazzjoni hija *del resto* ikkonfermata mill-espert tal-kalligrfaija maħtur quddiem l-Ewwel Qorti, Joseph Mallia.

Illi, meta xehdet *viva voce*, l-appellanti ziedet biċċa oħra mal-istorja li qatt ma kienet semmietha qabel. Tgħid li darba minnhom Agius kienet ħaditha għand Nutar sabiex taqleb garaxx proprjeta' tagħha fuq isem l-appellanti, iżda hija irrifjutat din l-għotja, u għalhekk Agius ikkumpensatha mod ieħor billi ħalsitilha pagament fuq il-vettura li kienet xtrat. Din l-verżjoni tal-fatti hija pero' kontradetta minn Nutar Pamela Mifsud Bonnici, li għalkemm tikkonferma fix-xiehda tagħha li kien sar apputament quddiemha minn Benedetta Agius u l-appellanti, madanakollu dan kien jirrigwarda l-għoti ta' prokura ġenerali mill-anzjana favur l-appellanti u qatt ma qamet xi diskussjoni dwar trasferiment ta' xi garaxx mill-anzjana favur l-appellanti. Fil-fatt in-Nutar wara li kellmet l-anzjana waħedha, din imxiet lura mid-deċizjoni tagħha u l-prokura qatt ma saret. Dan ċertament jindika illi l-appellanti la kienet konsistenti u lanqas kredibbli u dak li qed tgħid m'għandux mis-sewwa. Illi ix-xiehda tagħha meta imqabbla mal-istqarrija hija miżgħuda b'inkonsistenzi u nofs veritajiet u ma tressaq ebda prova oħra sabiex tikkorobora dak minnha dikjarat sal-grad rikejst minnha fil-liġi.

Ikkunsidrat:

Illi ndirizzati dawn l-ilmenti ventilati mill-appellanti l-Qorti hija imsejħa sabiex tqis jekk il-provi in atti jwasslux għar-reita' għad-delitti ta'l-approprjazzjoni indebita u tal-ħasil tal-flus. Illi l-Qorti ser titratta dawn l-ilmenti serjatim.

**<u>Il-provi prodotti ma setgħux iwasslu għal sejbien ta' ħtija tar-reat ta' l-approprjazzjoni indebita</u>**

Illi, huwa ħati tar-reat ta' approprazzjoni ndebita:-

**Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ...**

Bir-reat jiġi aggravat u jitmexxa *ex officio* mill-Pulizija kull:

**"..... meta d-delitt imsemmi ..... jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju."**

Illi, għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "**mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan**."[3]

Illi, *in oltre*, kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei –

**La vera essenza del reato di appropriazione indebita consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)**

U dana bil-Qorti ta' Cassazioni Taljana tisħaq f'deċizjoni reċenti illi –

**Il reato di appropriazione indebita si consuma nel momento dell'inversione del possesso, vale a dire quando il possessore compie un atto di dominio sulla "res", così manifestando l'intenzione di tenere questa come propria.**

**L'appropriazione indebita può consistere anche nel solo uso della cosa, il quale è un modo di esercitarne il diritto di proprietà, se l'uso stesso non sia assolutamente consentito, atteso il titolo del possesso, ovvero risulti diverso da quello che, secondo questo titolo, è legittimo, divenendo cosi manifestamente un mezzo per effettuare l'appropriazione, se accompagnato dalla volontà di disporre della cosa come se fosse propria (Cass. Sez. 2, Sentenza n. 2954del 15/12/1971 Ud. (dep. 03/05/1972) Rv. 120966; nel senso che**

[3] "Pulizija vs Joseph Muscat", Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.

**l'appropriazione indebita d'uso integri il reato di cui all'art. 646 c.p.cfr Sez. 3^, Sentenza n. 3445del 2/2/1995, Riv. 203402).**

**Quello che conta è che l'uso indebito del bene, sia avvenuto trascendendo completamente - come nel caso di specie - i limiti del titolo in virtù del quale l'agente deteneva in custodia il bene, di modo che l'atto comporti un impossessamento, sia pure temporaneo, del bene, determinandosi così quell'inversione del possesso che costituisce l'elemento oggettivo della struttura del reato ( in tal senso N. 47665 del 2009 Rv. 245370 - 01; n. 44650 del 2015 Rv. 264899 - 0).**[4]

Illi, minn dan it-tagħlim ġurisprudenjzali huwa manifest illi r-reat tal-approprjazzjoni indebita jiġi kkunsmat mal-mument li issir l-inverzjoni tal-pussess tal-oġġett mobbli u ċioe' f'dak il-mument illi l-awtur tar-reat jikkonverti dak l-oġġett għall-uzu tiegħu bħala s-sid tal-istess. Minn dan l-aġir jiġi deżunt imbagħad l-element formali tar-reat meta l-awtur juri l-intenzjoni li jżomm jew jużа l-oġġett lilu fdat *animo domini*, daqslikieku kien tiegħu. Filfatt, is-sentenza fl-ismijiet "Pulizija vs Anthony Mary Bajada", il-Qorti stqarret illi –

**Id-delitt ta' approprjazzjoni ndebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' lapproprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga.**[5]

Illi, eżaminati l-punti ġurisprudenzjali dwar ir-reat in dizamina, il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellanti approprjat ruħha indebitament minn flejjes appartenenti lill-parte ċivile, li ġie stabbilit li kienet mara anzjana u dipendenti u dana meta, mingħajr il-kunsens tal-parte ċivile, użat il-*cashlink* tagħha sabiex jew tiġbed flejjes jew tħallas bl-istess, għall-affarijiet jew servizzi għall-użu personali tagħha. Illi dan l-aġir tal-appellanti jirriżulta minn diversi riċevuti ta' ħlasijiet li saru lil għadd ġmielu ta' stabbilimenti u li minnhom tirriżulta l-firma tagħha tant illi jidher li din bdiet tagħmel użu minn din il-karta ta' kreditu b'mod frekwenti. Mhux biss sar ħlas fi flus kontanti fl-ammont ta' €5000 għal xiri ta' vettura minghajr ma taghti spjegazzjoni minn fejn kisbet dawn il-flejjes meta hi diżokkupata, iżda inxtraw diversi

[4] Cassazione penale, sez. II, Sentenza 10/05/2019 n° 20231.
[5] Imħallef A. J. Montanaro Gauci, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża fl-1 ta' Marzu 1952.

oġġetti oħra u *extras* għal din il-vettura kollha bl-użu tal-karta tal-kreditu tal-anzjana Benedetta Agius, tant illi l-kont bankarju ta'l-anzjana li fis-16 ta' Lulju 2016 kellu bilanc ta' €9038.02 spiċċa b'bilanċ ta' €8.06 sa tlett xhur wara. F'dan il-perijodu inxtraw diversi affarijiet mill-appellanti bħal xiri minn *supermarkets*, xiri minn għand spizeriji, xiri ta' nuċċali tax-xemx, xiri mill-istabbiliment tal-*JB stores*, xiri minn ħwienet tal-ħwejjeġ u żraben, ħlas lil *Melita Limited* għal servizzi fir-residenza ta' omm l-appellanti u dan apparti l-hlasijiet li saru in konnessjoni mal-vettura minnha mixtrija u ġbid regolari u frekwenti minn diversi *ATM*'s tal-Bank. Huwa indubitat li l-appellanti għamlet użu liberu minn din il-karta ta' kreditu daqslikieku kienet tagħha, kif inhu inverosimili illi l-anzjana Agius kienet konsenzjenti sabiex isiru dawn it-transazzjonijiet kollha minn flusha. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti, mill-provi prodotti, setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija a rigward, hekk kif filfatt għamlet.

**Il-provi prodotti ma setgħux iwasslu għal sejbien ta' ħtija tar-reat tal-ħasil ta' flus.**

Illi, ukoll l-appellanti tikkontendi li r-reat tal-ħasil ta' flus dedott fil-konfront tagħha mhux raffigurat fl-akkuża u minkejja li fiċ-ċitazzjoni hija ġiet mixlija bil-kummissjoni ta' dan ir-reat, l-Avukat Ġenerali qatt ma talab lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi fuq dan l-istess reat, meta bagħat lura l-atti sabiex l-appellanti tiġi iġġudikata minn dik il-Qorti.

Illi, din il-Qorti tibda' billi tgħid li l-ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali għandu skop speċifiku. Hekk kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza fl-ismijiet "The Republic of Malta v. Eduardo Navas Rios"[6] u dan b'analoġija mal-Ordni maħruġ fit-termini tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet-

> ***Two important principles emerge from these judgments. The first is that the commencement of the compilation of evidence does not depend on the 'order' issued by the Attorney General but on all the other provisions found in the***

[6] Deċiza nhar l-20 ta' Jannar 2011.

*Criminal Code. Such an order is only required for the purposes of determining which Court is to try the case. (Vide: Criminal Appeal : "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Mifsud" [5.2.1996]).*

*The same principle was re-affirmed by the Court of Criminal Appeal in its superior jurisdiction in the judgment: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Mifsud" [29.5.2008] wherein it was stated that:*

**'L-ordni skond l-imsemmi artikolu 22(2) (of Chapter 101 in that case) jinhareg fil-bidu tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-iskop biss biex dik il-Qorti tkun tista' tirregola ruhha u tara ghandhiex tipprocedi bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew bhala Qorti Istruttorja fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet li jkunu jipotizzaw reat skond il-Kap.101. .... L-iskop ta' l-ordni (in that case dealing only with one of the charges eventually filed against the accused in the bill of indictment) ... intlahaq meta l-Qorti Inferjuri (Sic!) pprocediet ghall-kumpilazzjoni, u gie ri-affermat bl-att ta' l-akkuza....li permezz tieghu akkuzi migjuba kontra Joseph Mifsud....effettivament tressqu quddiem il-Qorti Kriminali.'**

*This Court rules that once the compilation of evidence legally and regularly leading to these present proceedings had already been initiated under the law as it stood at the time, when the 'order' in question was not required by law, there was no need for the Attorney General to give the directive under subarticle (2A)(a) when the 2007 amendment came into effect, as this would have been utterly superfluous and would have been tantamount to an order given by the Attorney General to himself to file a bill of indictment at the end of the compilation of evidence.*

*Procedural rules have to be applied in a practical and sensible way and not in such a way as to get criminal proceedings tied up in knots and obstructed from taking their natural legal course in the true administration of justice. The Court of Criminal Appeal in its superior jurisdiction in re" "Ir-Republika ta' Malta vs. Kevin Attard." [20.11.2008] aptly commented that in such matters:-* **'Il-procedura hija intiza biex tghin u tippromwovi l-amministrazzjoni tal-gustizzja, mhux biex wiehed jinqeda biha biex jipprova jaghti gambetti; u fejn il-ligi ma tikkominax in-nullita` espressament, il-Qorti ghandha tkun kawta hafna qabel ma tiddikjara xi att jew xi procedura nulla.'**

*"In any case, this would certainly be a case where one should apply the legal maxims:- 'interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat' and 'benedicta est expositio quando res redimitur a destructione...' (vide Criminal Appeal "Il-Pulizija vs. Russell Bugeja" (per V. De Gaetano C. J. [29.2.008]).*

Illi, mill-Atti Proċesswali jirrizulta illi nhar it-13 ta' Marzu 2018, l-Avukat Ġenerali kien ħareġ l-Ordni[7] fit-termini tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-appellanti

[7] A folio 7 tal-Atti Proċesswali.;

tiġi pproċesata quddiem il-Qorti Kriminali. Sussegwentement, nhar it-22 ta' Marzu 2019, l-Avukat Ġenerali ħareġ l'hekk imsejjaħ Kontro-ordni[8] fejn ordna li l-appellanti tiġi pproċessata mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali *"fuq l-akkużi miġjuba kontra tagħha għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Att"* u dana bis-saħħa tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-*Money Laundering*. Ukoll, flimkien ma' dan l-istess Kontro-ordni, l-Avukat Ġenerali jindika l-artikoli l-oħra tal-Liġi fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tar-reati li jaqgħu taħt l-imsemmi Kodiċi. Dan ifisser illi l-appellanti ma għandiex raġun fl-aggravju minnha ntentat u l-Ewwel Qorti setgħet tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha fuq dan ir-reat ukoll.

Illi, *in oltre*, l-appellanti tisħaq ukoll li r-reat tal-*money laundering* ma seta' qatt jissusiti fil-konfront tagħha u dana għaliex il-fondi tal-parte ċivile ġew minnha utilizżżati bil-barka ta' l-istess u għalhekk provenjenti minn sors leċitu.

Illi, dwar l-elementi ta' dan ir-reat, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tagħmel esposizzjoni erudita tal-ġurisprudenza in materja, li a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti qed tagħmilhom tagħha. Illi, hekk kif irraġunat ben tajjeb l-Ewwel Qorti, mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellanti kienet ben konxja mill-provenjenza illeċita tal-flus li hi approprjat ruħha indebitament mingħand il-parte ċivile, speċjalment meta użat l-istess sabiex takkwista affarijiet u servizzi għaliha personali. Illi l-Ewwel Qorti torbot is-sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat mal-użu magħmul mill-appellanti ta' flejjes li inġibdu minnha mill-kont bankarju ta' Agius sabiex akkwistat vettura. Illi *ex admissis* l-appellanti tgħid illi fost oħrajn hija ġibdet l-ammont ta' €2400 u li lesta tirrifondi dan l-ammont meħud indebitament.

Illi mill-istqarrija rilaxxjata minnha, jirriżulta illi l-appellanti hija persuna diżokkupata u taqla' is-somma ta' €754 fix-xahar bħala assistenza soċjali (*relief*). Tgħid illi kellha flus f'idejha u dan għaliex kienet wirtet xi ġid mingħand missierha u mingħand l-ex-sieħeb tagħha. L-appellanti madanakollu ma ressqet ebda prova u dan sal grad tal-probabbli sabiex tissostanzja din il-provenjenza, kif lanqas tissostanzja il-prova sal-

[8] A folio 771 tal-Atti Proċesswali.

grad meħtieġ minnha fil-liġi illi l-ammont tal-flus minnha minfuq kien utilizzat kollu kemm hu għal bżonnijiet tal-anzjana jew inkella li kellha il-kunsens tagħha sabiex tberbqilha ġidha kollu, prova li kienet tinkombi fuqha fit-termini ta' dak imfassal fl-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioe' meta l-oneru tal-prova idur fuqha sabiex hija tipprova tiskolpa lilha innifisha u tressaq dik l-evidenza li tista' tindika l-leġittimita' tal-flus minnha utilizzati. :

> **Fil-proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (a), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkuzat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, propjeta' jew rikavat ma kenux flus, propjeta' jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jiprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, propjeta' u rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkuzata.**

Illi, fid-dawl ta' l-istess, din il-Qorti hija tal-fehma, bħall-Ewwel Qorti qabilha illi l-appellanti ma rnexxiliex tissodisfa dan l-oneru u ma ġabet l-ebda prova sabiex tispjega kif, minkejja l-introjtu niexef tagħha, kienet kapaċi tgħix l-istil ta' ħajja li kienet tgħix, u fuq kollox li tixtri vettura fi flus kontanti li tagħhom ma tagħti ebda rendikont leġittimu. La ġabet prova tal-ġid tagħha u ċioe' jekk għandiex xi proprjeta' jew flejjes derivanti minn wirt, jew minn xi sors ieħor leġittimu kif tallega. Mhux biss iżda mill-kompendju tal-assi ippreżentat minn Dr. John Seychell Navarro jirriżulta illi l-appellanti ma għandha ebda ġid patrimonjali. B'hekk, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti, mill-provi prodotti, setgħet legalment u raġonevolment tasal għas-sejbien ta' ħtija anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha suesposti, l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanti qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju minnha ntentat, l-appellanti tikkontendi li ġaladarba l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija għat-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet dedotti kontriha, hija kellha tiġi lliberatha minnhom u mhux tiġi ddikjarata l-astensjoni.

Illi, fis-sentenza impunjata, l-Ewwel Qorti ddikjarat hekk –

> **Tenut kont li l-imputazzjonijiet 2 sa 5 huma lkoll imputazzjonijiet alternattivi u ġialadarba l-fattispeċie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwieħom fir-reat t'approprijazzjoni indebita, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru tnejn, tlieta u ħamsa.**

Illi l-ilment tal-appellanti mhuwiex dirett daqstant lejn id-deċizjoni ta'l-Ewwel Qorti fejn din ikkonkludiet illi dawn l-imputazzjonijiet kellhom jitqiesu bħala alternattivi għar-reati li dwarhom sabet ħtija, izda għan-nuqqas ta' l-Ewwel Qorti milli tippronunzja ruħha fir-rigward u tiddikjara il-liberatorja fir-rigward ta'l-istess.

> **"...l-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jitrattaw dwar il-punt, u s-sentenzi in rigward jindikaw illi fil-kaz ta' imputazzjoni jew akkuza alternattiv l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha meta tkun sabet htija fl-imputazzjoni jew akkuza primarja. Hekk per ezemplari f'kaz ta' imputazzjoni ta' serq u fl-istess waqt imputazzjoni ta' ricettazzjoni tal-istess oggett, meta tinstab htija ta' serq tal-oggett, l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoni la darba huwa ovvju li dik l-imputazzjoni hija wahda alternattiva. Jista' jaghti l-kaz li persuna tkun imputata ta' serq ta' oggett u ricettazzjoni ta' oggett iehor, izda dan ma japplikax ghal-dan hawn dibattut;**
>
> **Illi kif ser jinghad, ir-raguni moghtija mill-Qorti fis-sentenzi hawn riportati, huwa li meta jkun hemm liberatorja dwar imputazzjoni alternattiva, l-Qorti tal-Appell ma tkunx tista' ssib htija f'dik l-imputazzjoni fil-kaz meta l-imputazzjoni primarja ma tkunx tirrizulta;**
>
> **Fl-ewwel lok, traccjati dawn is-sentenzi insibu fosthom dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Muscat – App Krim 17.10.1977 fejn kien ritenut illi "L'alternattivita m'hemmx ghalfejn tigi espressament imsemmija fic-citazzjoni. Il-kaz klassiku hu ta' l-imputazzjonijiet (jew akkuzi) ta' serq ta' oggett u ta' ricettazzjoni ta' l-istess oggett, imputazzjonijiet li bilfors iridu jinqraw jew jifthemu bhala alternattivi". Fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar App Krim deciza 18.9.1996 l-appellant kien inizzjalment imputat fir-reat ta' hsara volontarja u dak ta' ragion fattasi u l-ewwel Qorti sabet htija fuq l-ewwel u lliberatu mit-tieni. Fuq appell tal-imputat, il-Qorti tal-Appell Kriminali irrizultalha illi l-ewwel Qorti ma setghetx, fuq dawk il-fatti, ssib htija dwar ir-reat ta' hsara volontarja u rrimarkat hekk: "Sfortunatament l-ewwel qorti, meta sabet lill-appellant, allura imputat, hati tal-ewwel imputazzjoni, flok ma astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni – kif kellha taghmel galadarba l-imputazzjonijiet kienu evidentement alternattivi – illiberat mit-tieni imputazzjoni, cioe minn dik ta' "ragion fattasi". Dan ifisser li, fl-assenza ta' appell tal-prosekuzzjoni (u salv dejjem l-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali) din il-Qorti ma tistax issa issib lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni"; L-istess ragjonament kien**

**espress fis-sentenza Il-Pulizija vs Mary Vella – App Krim 1.2.2002 fejn intqal hekk: "Ghal kull buon fini din il-Qorti sejra ttenni dak li diga nghad f'diversi sentenzi u cioe li meta l-imputazzjonijiet jew akkuzi jkunu alternattivi, qorti ta' prim'istanza li ssib htija dwar imputazzjoni jew akkuza minnhom ghandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuza alternattiva izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghha u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tigix prekluza milli tiddeciedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naha tal-prosekuzzjoni – ara f'dan is-sens Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar App Krim 18/9/1996, Il-Pulizija vs Carmel Debono App Krim 1/11/1996 u Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Oliva App Krim 20/11/2000". Fis-sentenza Il-Pulizija vs Mahmud Abudumehdin Tarek – App Krim 26.7.2002, ghalkemm f'materja ftit diversa, l-Qorti rriteniet illi "Dak li ma kienitx gustifikata taghmel dik il-qorti kien li "tillibera" lill-imputat mit-tielet imputazzjoni. Trattandosi ta' imputazzjoni ta' kommissjoni ta' reat (li jgorr piena ta' prigunerija) fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, fin-nuqqas ta' prova tal-identita' (jew anke kieku ma saritx il-prova tas-sentenza) Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha mhux tillibera izda semplicement tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' dik l-imputazzjoni, bhalma jsir fil-kaz ta' imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi. B'hekk jithalla l-kamp liberu ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali". Ssir referenza ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Vella (kwistjoni ta' nullita tas-sentenza meta l-Qorti tonqos milli tippronunzja ruhha fuq wahda mill-imputazzjonijiet) ; dik tal-1 ta' Dicembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Diego Grixti et kif ukoll Il-Pulizija vs John Caruana App Krim 1.11.1996;**

**Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandu jkun hemm xi ripensament dwar din il-posizzjoni u dan anke wara li hasbet fit-tul mill-ottika tal-aspett ta' drittijiet fondamentali b'mod partikolari tal-potenzjali eccezzjoni ta' ne bis in idem. In rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet Luke Farrugia vs L-Avukat Generali fejn kienet trattata id-distinzjoni li tinholoq bejn decizzjoni liberatorja dwar imputazzjoni li tkun ghaddiet in gudikat u s-setgha tal-qorti jew tal-gurati li jsibu htija fuq akkuza (alternattiva) ta' misappropriazzjoni u ricetazzjoni meta ma tinsabx htija fuq l-akkuza ta' serq ex artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali. Dik il-Qorti sabet li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali fl-ewwel ipotezi izda ma jkun hemm ebda ksur ta' dritt fl-applikazzjoni tal-artikolu 476(2) tal-Kapitolu 9."[9]**

Illi, għaldaqstant, ġaladarba l-Ewwel Qorti ddikjarat li r-reati enkapsolati fl-imputazzjonijiet bin-numru 2 sa 5 huma alternattivi għal xulxin, hija ma kelliex triq

[9] Pulizija vs Raymond Debono deċiża nhar it-28 ta' Novembru 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Giovanni Grixti.

oħra ħlief li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess, hekk kif filfatt għamlet. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni aggravju mressaq mill-appellanti qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolati l-ewwel zewġ aggravji, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospizi għal erba' snin, flimkien ma' multa ta' €25,000.

Illi, primarjament ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm 'il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*" -

> ***... The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. This is also the position in English Law. As stated in Blackstone's Criminal Practice 2004:***
>
> ***"Save where the statutory provisions mentioned below apply, there is no obligation on the judge to explain the reasons for his sentence. However, the Court of Appeal has encouraged the giving of reasons, and has indicated that that should certainly be done if the sentence might seem unduly severe in the absence of explanation…It has been held that failure by the sentencing court to give reasons when required to do so does not invalidate the sentence…although the failure may no doubt be taken into account by the appellate court should the offender appeal. Where the sentencer does give reasons and what he says indicates an error of principle in the way he approached his task, the Court of Appeal sometimes reduces the sentence even though the penalty was not in itself excessive. Similarly a failure by the judge to state expressly that he is taking into account any guilty plea, although contrary to [statutory provision], does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate sentence…"***
>
> ***As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):***

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to 8 individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '... that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*[10]

Illi l-appellanti tilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija severa żżejjed u timmerita li tiġi ridotta. Hija ssostni li dan għandu jsir għaliex, *inter alia*:

- kien hemm ħafna inkonsistenzi fil-provi mressqa;
- ma ttieħditx in konsiderazzjoni l-eta' tal-appellanti;
- l-fatt illi l-appellanti m'għandiex fedina penali kkulurita u l-uniku reat li nstabet ħatja tiegħu kien a rigward nuqqas ta' ħlas ta' taxxa tal-VAT;
- l-appellanti m'għandiex mezzi sabiex tħallas il-multa imposta fuqha.

Illi, din il-Qorti fliet il-konsiderazzjonijiet kollha magħmulha mill-Ewwel Qorti li wassluha sabiex teroga il-piena hawn fuq indikata u hija tal-fehma li, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, ma għandiex tiddipartixxi minn dawn il-konsiderazzjonijiet. Ma jistax jintesa' l-fatt li hawnhekk *si tratta* ta' vittma anzjana u

[10] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.

vulnerabbli li għaddiet minn trawma kbira fl-aħħar snin ta' ħajjitha minħabba l-aġir tal-appellanti, li sfruttatha meta suppost kienet qed tħares l-aħjar interessi tagħha. Illi sfortunatament, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, anzjani bħal Benedetta Agius ħafna drabi jispiċċaw sfruttati minħabba il-vulnerabbilita' tagħhom li neċessarjament tagħmilhom dipendenti fuq l-għajnuna ta' terzi biex ikunu jistgħu ikomplu bl-attivita' tal-hajja ta' kuljum. Illi l-Qorti ma għandha xejn aktar x'iżżid mal-ħsibijiet ta'l-Ewwel Qorti fir-rigward u mar-rakkomandazzjonijiet hemmhekk magħmula lill-Awtoritajiet li għandhom fdat f'idejhom il-ħarsien u il-kura tal-anzjani.

Illi, fuq kollox, iżda, huwa indubitat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-Liġi u tqarreb lejn il-minimu, u mhux biss iżda l-appellanti ġiet ikkundannat għal sentenza alternattiva għall-inkarċerazzjoni effettiva fejn l-Ewwel Qorti għażlet li timponi l-piena tal-multa għar-reat tal-ħasil ta' flus, liema multa ukoll hija waħda li tqarreb lejn il-minimu, għaliex alterimenti kien ikun hemm il-preklużjoni mill-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront ta'l-appellanti. Illi imbagħad il-konfiska tal-beni mobbli u immobbli u tar-rikavat derivanti mir-reat hija sanzjoni konsegwenzjali għal piena b'dan illi l-Ewwel Qorti, kif ukoll din il-Qorti issa fi satdju ta' revizjoni, ma tistax teżonera lill-appellanti minn din is-sanzjoni tal-liġi, b'dan illi l-appellanti tista' dejjem tressaq talba quddiem il-qrati ċivili sabiex tipprova li il-proprjeta' soġġetta għal konfiska mhijiex provenjenti mir-reat ta' riċiklaġġ. *In vista* ta' dan, din il-Qorti tqis li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

**Għal dawn il-motivi kollha suesposti, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**